# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 24 ta' April, 2002**

**Appell Nru 23/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet, migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva originarjament kontra Mario Camilleri u Joseph Xuereb, talli (**1**) f'Birkirkara, f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 ta' Jannar, 1993 u l-20 ta' Jannar, 1993 ikkommettew serq ta' flus mill-Knisja ta' Santa Maria, maghrufa bhala l-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin, ghad-detriment tar-Reverendu Kappillan Dun Fortunato Ellul; (**2**) talli fl-istess lejl, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fl-aperturi tal-imsemmija knisja, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira a detriment ta' l-imsemmi Kappillan; u (**3**) talli fl-istess lejl u wara, fl-istess lok, hin u cirkostanzi u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe` s-somma flus ta' madwar Lm350, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali tat-30 ta' Novembru, 1998 (fol. 78);

Rat il-kunsens tal-imputati ghall-proceduri sommarji (fol. 79);

Rat is-separazzjoni tal-gudizzju ordnat mill-Qorti Inferjuri, fuq talba tal-prosekuzzjoni, fl-20 ta' Settembru, 2000 (fol. 95);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Jannar, 2002, moghtija fil-konfront ta' Mario Camilleri, li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-istess Mario Camilleri mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fil-5 ta' Frar, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu maghmul jikkonsisti filli l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, "ghamlet enuncjazzjoni zbaljata u inkompleta tal-ligi kwantu jirrigwarda l-valur probatorju ta' sejbin ta' impronta digitali" (sottolinear ta' din il-Qorti). Fl-udjenza tad-19 ta' April, 2002 l-abbili difensur tal-appellat eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell fuq il-bazi li ma kien hemm, fis-sentenza appellata, ebda enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi li taghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali.

Anke li kieku ma inghatatx din l-eccezzjoni minn naha ta' l-appellat, din il-Qorti ftit li xejn setghet tara fejn l-Avukat Generali kien qed jara enuncjazzjoni zbaljata u/jew inkompleta tal-ligi f'dak li qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha. In fatti, fl-udjenza aktar 'l fuq imsemmija il-Qorti stiednet lill-abbili prosekutur sabiex jindika l-brani, fis-sentenza appellata, li, skond hu, fihom tali enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta. Dawn il-brani gew debitament indikati, izda din il-Qorti xorta tara li fihom ma jinghad ebda spropositu legali la in tema ta' ligi sostantiva u anqas in tema ta' ligi procedurali. Dak li effettivament qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha hu li, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ma setghetx tistrieh fuq l-impronta digitali misjuba fuq kaxxa fis-sagristija peress li l-prosekuzzjoni ma kienet gabet ebda prova dwar kif u meta dik il-kaxxa sabet posta fis-sagristija, u fejn kienet, jew setghet kienet, qabel ma sabet hekk posta fis-sagristija. Is-sentenza fiha apprezzament fin u intelligenti tal-provi, jew ahjar ta' l-unika prova tal-prosekuzzjoni (cioe` impronta digitali) – u canfira bil-pulit lill-pulizija ta' kif mexxew il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz – pero` certament ma jistax jinghad li fiha xi enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

U peress li mill-atti ma jirrizultax car jekk il-proceduri kontra Joseph Xuereb gewx jew le konkluzi, tordna li l-process jigi rinvjat lill-ewwel qorti. Fil-kaz li dik il-qorti m'ghandhiex bzonn aktar ta' dawn l-atti fir-rigward tal-imsemmi Xuereb, l-atti ghandhom jigu ritornati lura lil din il-Qorti sabiex jigu arkivjati.

Aldo Testone
Dep. Registratur